# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 511/2012/1 AF**

**Anthony Busuttil u martu Mary Anne Busuttil u b'digriet tal-4 ta' Settembru 2018, il-Qorti laqgħet it-talba biex l-atti jgħaddu f'isem Brian Busuttil u Suzanne Busuttil u dan stante l-mewt ta' Mary Anne Busuttil**

**v.**

**Jennifer sive Wendy Busuttil mart il-mejjet Charles Busuttil u uliedha Natasha Busuttil, Rebecca Darmanin Kissaun u Christian Busuttil**

**Mary Ann Lanzon, Joanna Decesare, Paul Busuttil, Roberta Pecci Busuttil, Clarissa Pace u Joseph Busuttil (Jnr) ilkoll ulied il-mejtin Joseph (Snr) u Maria Carmela sive May Busuttil**

**Therese Busuttil mart il-mejjet Louis Busuttil u uliedha Franco Busuttil, Louiana Busuttil u Jean Paul Busuttil**

**Antonia Busuttil mart il-mejjet Frank Busuttil u binha Michael Busuttil**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar it-13 ta' Ġunju, 2019, li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, astjeniet milli tieħu qies tal-ewwel żewġ talbiet tal-atturi, filwaqt li ċaħdet it-tielet talba li fiha ntalbet tiddikjara li l-atturi huma s-sidien ta' parti indiviża fi tliet oqbra fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata f'Raħal Ġdid.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-23 ta' Mejju, 2012, l-atturi fissru li fil-jum tat-30 ta' Ottubru, 1990, ir-rikorrent Anthony Busuttil akkwista mingħand id-Dipartiment tas-Saħħa, sit ta' qabar fiċ-ċimiterju ta' Santa Maria Addolorata f'Raħal Ġdid, identifikat bħala '18D', fid-diviżjoni Lvant, sezzjoni 'KA' u kompartiment 'E'. Filwaqt li spjegaw li ħut Anthony Busuttil għandhom xi siti oħra ta' oqbra maġenb dak il-qabar, iżidu li huma, flimkien ma' Charles Busuttil, Joseph Busuttil (Snr.), Louis Busuttil u Antonia Busuttil, bnew kappella fuq dawk l-oqbra, li b'kollox jgħoddu għal tmienja, u huma magħrufa bin-numri: 18A, 18B, 18C, 18D, 37, 38, 39 u 40. Wara li stqarrew li kemm ix-xiri ta' dawn is-siti ta' oqbra, kif ukoll il-bini tal-kappella ġie ffinanzjat f'sehem indaqs bejn l-aħwa Busuttil, l-atturi ilmentaw li l-konvenuti Franco Busuttil, Michael Busuttil u Joseph Busuttil

(Jnr.), qabdu u mingħajr il-kunsens tagħhom irreġistraw f'isimhom is-siti ta' oqbra bin-numri 37, 38 u 39, rispettivament. B'żieda ma' dan, ilmentaw li xi wħud mill-konvenuti kienu qegħdin itellfuhom milli jkollhom aċċess ħieles għal dik il-kappella kif ukoll għall-oqbra li hemm ġewwa fiha, u dan billi ma ridux jagħtuhom kopja taċ-ċavetta ta' dik il-kappella. Minħabba f'hekk, l-atturi fetħu din il-kawża kontra l-konvenuti u talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara [li] l-intimati jew min minnhom, qed jinnegaw lir-rikorrenti kopja taċ-ċavetta tal-kappella msemmija u għalhekk qed jinnegaw aċċess liberu lir-rikorrenti għall-qabar tagħhom, kif ukoll għall-kappella u għal tliet oqbra illi fihom ir-rikorrenti għandhom sehem.*
>
> *2. Tordna u tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn din l-Onorabbli Qorti jagħtu aċċess liberu għall-kappella lir-rikorrenti billi jagħtu kopja taċ-ċavetta tal-istess kappella.*
>
> *3. Tiddikjara li r-rikorrenti huma sidien ta' parti indiviżi ta' tliet oqbra identifikati bin-numri sebgħa u tletin (37), tmienja u tletin (38) u disgħa u tletin (39) diviżjoni Lvant Sezzjoni "KA" Kompartiment "E" (Lvant – KA – E), [u] tagħti dawk il-provvedimenti kollha neċessarji sabiex dan is-sehem indiviż hekk identifikat jiġi reġistrat mal-awtoritajiet kompetenti f'isem ir-rikorrenti.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma lkoll minn issa inġunti għas-subizzjoni.»*

3. Bi tweġiba mressqa fit-2 ta' Lulju, 2012, il-konvenuti kollha għajr għal Therese Busuttil, Louiana Busuttil u Jean Paul Busuttil wieġbu għal din il-kawża billi qajmu dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi l-atturi l-ewwel iridu jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom fil-kawża odjerna, u fin-nuqqas l-eċċipjenti kollha għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.*
>
> *2. Illi l-atturi għandhom ukoll jippruvaw li l-jeddijiet minnhom pretiżi fir-rikors ġuramentat, promotur tal-kawża odjerna jispettaw lilhom u fin-nuqqas l-eċċipjenti kollha għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-*

*ġudizzju.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-atturi m'għandhom l-ebda dritt ta' proprjetà għal dak li għandu x'jaqsam mal-oqbra bin-numri sebgħa u tletin (37), tmienja u tletin (38) u disgħa u tletin (39) diviżjoni Lvant Sezzjoni "KA" Kompartiment "E" (Lvant – KA – E).*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-premessi u t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fi dritt.*

*Għaldaqstant it-talbiet attriċi kollha għandhom jiġu miċħuda. Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.»*

4. Bi tweġiba mressqa fil-15 ta' Novembru, 2012, Therese Busuttil mart il-mejjet Louis Busuttil u wliedha Louiana Busuttil u Jean Paul Busuttil wieġbu għal din il-kawża billi qajmu dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi l-eċċipjenti m'għandhom ibatu ebda spejjeż ta' din il-kawża billi huma qatt ma ostakolaw lill-atturi fl-eżerċizzju tad-drittijiet minnhom pretiżi.*

*2. Illi fi kwalunkwe każ, jaqblu mal-ewwel żewġ talbiet tal-atturi u dan fis-sens li m'hemm l-ebda raġuni għaliex l-atturi u l-bqija tal-familja m'għandhomx ikollhom aċċess liberu għall-oqbra inkwistjoni, liema oqbra jinsabu ġo kappella fejn huma midfunin membri tal-familja Busuttil u liema kappella kienet destinata għad-dfin ġo fiha tal-membri tal-familja Busuttil. B'danakollu jingħad li l-eċċipjenti m'għandhomx f'idejhom ċavetta għall-kappella li tagħti għall-oqbra inkwistjoni. Fil-fatt kull darba li l-eċċipjenti jkunu jridu jżuru l-oqbra inkwistjoni jissellfu ċavetta mingħand impjegat li jaħdem mal-kumpanija Foster Clark Products Limited. Għall-kompletezza jingħad li kull darba li ntalbet ċavetta din ingħatat mingħajr problemi partikolari. B'danakollu l-esponenti ma jsibu ebda problema li l-atturi jkollhom kopja tagħhom u jixtiequ f'dan il-każ li jingħataw ċavetta wkoll.*

*3. Illi dwar it-tielet talba l-eċċipjenti jgħidu li l-oqbra inkwistjoni nxtraw għall-ħames ulied subien ta' Paul u Ines Busuttil née Debono u ċjoè f'isem Frank Busuttil, Joseph Busuttil, Louis Busuttil, Anthony Busuttil u Charles Busuttil u l-werrieta tagħhom rispettivi u għalhekk jaqblu mat-talba attriċi sakemm din tfisser li l-attur Anthony Busuttil għandu sehem indiviż ta' kwint mill-oqbra msemmija u kwint mill-kappella u li r-rimanenti ishma huma posseduti mill-erba' gruppi l-oħra, werrieta tal-imsemmija Frank Busuttil, Joseph Busuttil, Louis Busuttil u Charles Busuttil, indiviż u ugwalment bejniethom.*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.»*

5. Waqt il-mixi tal-kawża, u wara li ġew awtorizzati li jagħmlu hekk b'digriet tat-8 ta' Ġunju, 2015 (ara paġna 267 tal-atti tal-kawża), il-konvenuti kollha għajr għal Therese Busuttil, Louiana Busuttil u Jean Paul Busuttil, ressqu nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri li fiha qajmu dawn l-eċċezzjonijet:

> *«1. Illi l-atturi jonqoshom l-interess ġuridiku tagħhom fil-kawża odjerna u għalhekk l-eċċipjenti kollha għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*
>
> *2. Illi l-atturi la għandhom dritt ta' proprjetà u lanqas dritt personali li jintitolahom jkollhom aċċess għall-oqbra kollha u għall-kappella mertu tal-kawża odjerna u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*
>
> *3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

6. B'nota mressqa fl-20 ta' Mejju, 2019, u sewwasew qabel mal-Ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza tagħha, il-konvenuti kollha għajr għal Therese Busuttil, Louiana Busuttil u Jean Paul Busuttil, għarrfu lill-Ewwel Qorti li huma kienu taw lill-atturi kopja taċ-ċavetta tal-kappella.

7. B'sentenza mogħtija fit-13 ta' Ġunju, 2019, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, iddeċidiet il-kawża hekk:

> *«Għaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel żewġ talbiet stante li r-rikorrenti ġew mogħtija kopja taċ-ċavetta fil-mori u tiċħad it-tielet talba.*
>
> *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.»*

8. Fost ir-raġunijiet ewlenin li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-

deċiżjoni kien hemm dawn li ġejjin:

> *«Ir-rikorrenti jitolbu wkoll dikjarazzjoni (fit-tielet talba tagħhom) illi huma sidien ta' parti indiviż ta' tliet oqbra identifikati bin-numru 37, 38 u 39 diviżjoni Lvant Sezzjoni "KA" Kompartiment "E" Lvant - KA- E. Minn dokument a fol. 43 jirriżulta illi l-qabar numru 37 huwa ta' Franco Busuttil, minn dokument a fol. 46 jirriżulta illi l-qabar numru 38 huwa ta' Michael Busuttil, u finalment minn dokument a fol. 43 jirriżulta illi l-qabar numru 39 huwa ta' Joseph Busuttil. B'hekk it-tielet talba tar-rikorrenti ma tistax tiġi milqugħa, għax minn imkien fl-atti ma jirriżulta illi r-rikorrenti huma sidien ta' parti indiviż ta' dawn it-tliet oqbra. Għalhekk qiegħda tiġi miċħuda t-tielet talba tar-rikorrenti.»*

9. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-2 ta' Lulju, 2019, bl-aggravju waħdieni jkun li l-Ewwel Qorti wettqet apprezzament żbaljat tal-provi sa fejn għandu x'jaqsam maċ-ċaħda tat-tielet talba, u dan billi jidhrilhom li fl-atti tal-kawża hemm biżżejjed provi li juru li huma s-sidien ta' sehem mhux maqsum mill-oqbra bin-numri 37, 38 u 39. Fuq is-saħħa ta' hekk l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu qies tal-ewwel żewġ talbiet tagħhom, filwaqt li tħassarha sa fejn ċaħdet it-tielet talba, u minflok tilqa' dik it-talba bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

10. Il-konvenuti kollha għajr għal Therese Busuttil, Louiana Busuttil u Jean Paul Busuttil wieġbu għal dan l-appell fis-26 ta' Lulju, 2019 u hemmhekk huma ressqu r-raġunijiet tagħhom għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.

11. Il-bqija tal-konvenuti ma ressqux tweġiba bil-miktub.

12. Inżamm smigħ fit-23 ta' Novembru, 2023, u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. B'dan l-appell l-atturi, qegħdin jattakkaw dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-Ewwel Qorti kkonkludiet li huma ma rnexxielhomx jippruvaw li jgawdu minn sehem mhux maqsum fl-oqbra bin-numri 37, 38, u 39, u minħabba f'hekk ċaħdet it-tielet talba tagħhom.

14. L-aggravju tal-appellanti huwa limitat għall-kritika dwar l-apprezzament tal-fatti mwettaq mill-Ewwel Qorti, u tul ir-rikors tal-appell huma jagħmlu referenza għal bosta provi, li fil-fehma tagħhom, kellhom iwasslu lil dik il-Qorti għal konklużjoni differenti.

15. F'dan l-isfond, l-appellanti jibdew billi jirreferu għax-xhieda tal-avukat Joseph J. Vella, kif ukoll għall-kopja ta' ittra elettronika li ntbagħtet mill-istess avukat fil-21 ta' Diċembru 2011. Jgħidu li minn dawn jidher kif l-aħwa Busuttil kienu ddeċidew li jixtru tmien oqbra fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata u jibnu kappella fuqhom. Iżidu li minn hemmhekk joħroġ ukoll li l-ftehim bejn l-aħwa kien: li kellu jkun hemm qabar għal kull wieħed mill-ħames aħwa, qabar ieħor għall-ġenituri tal-ħames aħwa, kif ukoll tnejn oħra fuq ir-riħ, li kellhom jintużaw skont il-ħtieġa. Skont l-

appellanti, minn dan jirriżulta kif dawn it-tliet oqbra tal-aħħar huma tal-ħames aħwa f'sehem indaqs bejniethom.

16. Jirreferu mbagħad għax-xhieda ta' Suzanne Busuttil, u sewwasew għad-**dokument SB2**, li fih hemm abbozz ta' kuntratt għat-twaqqif ta' fondazzjoni, li skont l-atturi appellanti jikkonferma l-ftehim ta' bejn il-ħames aħwa sabiex jaqsmu f'sehem indaqs bejniethom, l-ispejjeż dwar iż-żamma tal-kappella u l-oqbra ta' ġewwa fiha. Jistqarru li għalkemm il-fondazzjoni baqgħet qatt ma saret, dak il-kuntratt huwa xhieda tar-rieda li '*dejjem*' kien hemm bejn il-partijiet.

17. Jisħqu li huma ressqu wkoll prova dwar kif l-ispejjeż għall-bini tal-kappella u x-xiri tal-oqbra nħarġu minn żewġ kumpaniji bl-isem ta' B&S Contractors Ltd u Foster Clark Products Ltd, u dwar dan jirreferu għax-xhieda ta' Charles Degorgio tat-30 ta' April 2013 u tal-11 ta' Ġunju, 2014, kif ukoll għad-dokument imressaq minnu u mmarkat bħala **Dok CDX4**.

18. Sfiq ma' dan, jgħidu li bosta xhieda oħra wkoll ikkonfermaw kif kienu l-impjegati ta' Foster Clark Products Ltd li ħadmu fil-bini tal-kappella u tal-oqbra, u f'dan ir-rigward jirreferu għax-xhieda ta' Louiana Busuttil, Chris Degorigio, Albert Schranz u Albert Magro, li lkoll xehdu fit-30 ta' April, 2013.

19. B'referenza speċifika għax-xhieda ta' Louiana Busuttil, jgħidu li mix-xhieda ta' din, u partikolarment minn **Dok LBX3** huma ppruvaw kif l-ispejjeż għaż-żamma tal-kappella kienu tabilħaqq qed jinqasmu bejn ħamsa b'mod indaqs. Jirreferu wkoll għal **Dok LBX2**, ippreżentat mill-istess xhud fis-seduta tat-30 ta' April, 2013, li fi kliemhom juri l-allokazzjoni tal-oqbra skont il-plakki tal-ismijiet (*name plates*). Jissoktaw billi jfakkru li din ix-xhud, flimkien ma' ommha Therese Busuttil u ħuha Jean Paul Busuttil, ressqu eċċezzjoni li biha ammettew li l-oqbra bin-numri 37, 38 u 39 inxtraw għall-ħames aħwa, ulied ta' Paul u Ines Busuttil. Ifissru wkoll li din ix-xhud stqarret kif oriġinarjament, lanqas ħuha Franco Busuttil ma kien jaf li wieħed mill-oqbra li hemm fil-kappella huwa rreġistrat f'ismu.

20. B'żieda ma' dan kollu, jgħidu li fl-aħħar mill-aħħar, fix-xhieda tal-15 ta' Ottubru, 2013, il-konvenut Michael Busuttil stess ikkonferma li l-ispejjeż għall-oqbra nħarġu bejn il-ħames aħwa u li kemm il-kappella kif ukoll l-oqbra kienu tal-ħames aħwa. Jissottomettu li dan ix-xhud saħansitra stqarr li ismu ġie użat biss għall-konvenjenza u kkonferma l-ftehim dwar l-allokazzjoni tal-oqbra. Fl-aħħar nett jgħidu li dan ix-xhud qal ukoll li ma kienx jaf li kien hemm żewġ oqbra f'isem membri oħra tal-familja.

21. Jagħlqu billi jirreferu għall-affidavit tal-attur appellant Anthony

Busuttil u jisħqu li b'dan l-affidavit, kompla jintwera kif il-proġett tax-xiri tal-oqbra u tal-bini tal-kappella kien amministrat minn ħuh Charles Busuttil li kien id-direttur maniġerjali tal-kumpanija Foster Clarks Products Limited, li hija proprjetà tal-ħames aħwa, u li kienet din il-kumpanija li ħarġet il-flejjes għall-akkwist tal-oqbra u tal-bini tal-kappella. Jisħqu wkoll li Charles Busuttil, illum mejjet, dejjem kien iserraħ moħħ Anthony Busuttil, li kollox kien sar skont kif ftehmu.

22. Il-Qorti wara li għarblet il-provi kollha li qed jirreferu għalihom l-appellanti tqis li l-aggravju tagħhom mhuwiex mistħoqq u dan għar-raġunijiet li ġejjin.

23. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li ġaladarba l-atturi għażlu li jsejsu t-tielet talba tagħhom fuq il-premessa li huma għandhom sehem mhux maqsum mill-oqbra bin-numri 37, 38, u 39, allura kien jaqa' fuq spallejhom li jressqu l-aħjar prova li huma tabilħaqq għandhom titolu ta' komproprjetà fuq dawk l-oqbra (ara ***Nazzareno Muscat et v. Mariano Farrugia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021).

24. Ingħad li f'azzjonijiet ta' din ix-xorta, dik il-prova «*m'għandhiex tkun waħda negattiva iżda waħda pożittiva*» (ara ***Mary Borg v. Il-Kummissarju tal-Artijiet*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru 2016 u ***Kummissarju tal-Artijiet v. Albert Muscat***

ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2007). Fuq kollox dik il-prova għandha tkun imsejsa fuq kriterji oġġettivi (ara ***Antonio Pace et v. Rev. Henry Abela O.P. noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2011).

25. Fil-fehma tal-Qorti, l-ebda mill-provi li qed jirreferu għalihom l-appellanti ma juru b'mod oġġettiv li huma tabilħaqq is-sidien ta' sehem mhux maqsum fl-oqbra bin-numri 37, 38 u 39.

26. Ibda biex, la mill-ittra elettronika tal-avukat Joseph J. Vella tal-21 ta' Diċembru, 2021, u wisq inqas mix-xhieda ta' dak l-istess avukat tat-13 ta' Novembru, 2014, ma jirriżulta li l-atturi għandhom xi sehem mill-oqbra bin-numri 37, 38 u 39.

27. Fix-xhieda tat-13 ta' Novembru, 2014, l-avukat Joseph J.Vella saħaq li huwa la kien jaf kif Charles Busuttil kien alloka dawk l-oqbra, (ara paġna 254 tal-atti tal-kawża) u lanqas minn fejn kienu nħarġu l-flejjes għax-xiri ta' dawk l-oqbra (ara paġna 253 tal-atti tal-kawża).

28. Hekk ukoll, fl-ittra elettronika tal-21 ta' Diċembru, 2011 (ara paġna 78 tal-atti tal-kawża), l-avukat Joseph J. Vella kiteb bl-aktar mod ċar, li l-proprjetarji tal-oqbra kienu dawk l-individwi li isimhom jidher fuq il-kuntratt tal-akkwist ta' dawk l-oqbra, u li għalhekk huma dawk biss li setgħu

jiddeċiedu min seta' jindifen fil-qabar rispettiv tagħhom. Kif ingħad sewwa fis-sentenza appellata, f'dan il-każ, mill-kuntratti tal-akkwist tal-oqbra bin-numri 37, 38 u 39, jirriżulta li dawn huma f'isem Franco Busuttil, Michael Busuttil u Joseph (Jnr.) Busuttil, rispettivament, u b'hekk, jekk xejn, l-ittra elettronika tal-21 ta' Diċembru, 2011, ixxejjen il-pretensjonijet tal-appellanti u mhux issaħħaħhom.

29. L-istess jingħad għad-dokumentazzjoni li ressqet Suzanne Busuttil waqt is-seduta tal-14 ta' Frar, 2013, u speċifikament għal **Dok SB2**. Dak li jirriżulta minn dawn id-dokumenti huwa konferma mill-ġdid tal-fatt li s-sidien tal-oqbra bin-numri 37, 38 u 39 huma Franco, Michael u Joseph (Jnr.) Busuttil, filwaqt li l-appellant Anthony Busuttil huwa s-sid ta' qabar wieħed riferut bħala 18D. Kemm hu hekk, fil-premessi tal-abbozz ta' kuntratt għat-twaqqif tal-fondazzjoni li baqgħet qatt ma twaqqfet, kien tniżżel li:

> *«(B) The above mentioned Michael Busuttil is the owner of the grave No. 38 - Div. East – Sec. KA – Comp. E at the Addolorata Cemetry at Paola (hereinafter referred to as "Grave 38").*
>
> *...*
>
> *(D) The above mentioned Joseph Busuttil son of Joseph is the owner of the grave No. 39 - Div. East – Sec. KA – Comp. E at the Addolorata Cemetry at Paola (hereinafter referred to as "Grave 39").*
>
> *...*
>
> *(F) The above mentioned Franco Busuttil is the owner of the grave No. 37 - Div. East – Sec. KA – Comp. E at the Addolorata Cemetry at Paola (hereinafter referred to as "Grave 37").*
>
> *...*

> *(G) The above mentioned Anthony Busuttil is the owner of the grave No. 18D - Div. East – Sec. KA – Comp. E at the Addolorata Cemetry at Paola (hereinafter referred to as "Grave 18D").»* (ara **Dok SB2**, f'paġni 103 u 104 tal-atti tal-kawża).

30. Bl-istess mod, ix-xhieda ta' Louiana Busuttil ma tista' tgħin xejn lill-appellanti, anzi pjuttost tkompli tgħarraq il-pretensjoni tagħhom, u dan billi hija u tixhed b'referenza għal **Dokument LBX2** (ara paġna 151 tal-atti tal-kawża), dik ix-xhud fissret li t-tipa stampata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta tal-oqbra turi l-ismjiet tal-persuni li fuqhom huma rreġistrati l-oqbra, filwaqt li t-tipa bil-kulur blu, *«huma l-ismijiet tal-persuni li effettivament huma s-sidien»* (ara paġna 158 tal-atti tal-kawża). Minn titwila lejn dak id-dokument, jidher imbagħad li fuq l-oqbra bin-numri 37, 38 u 39, isem l-appellanti la huwa miktub bit-tipa ħamra u wisq anqas bil-blu. Anke hawnhekk, l-unika qabar li jirreferi għall-isem ta' Anthony Busuttil huwa dak 18D.

31. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam ma' **Dokument LBX3** (ara paġna 152 tal-atti tal-kawża), li juri kif il-partijiet kienu qegħdin jaqsmu l-ispejjeż għaż-żamma tal-kappella f'sehem indaqs ta' ħamsa, il-Qorti jidhrilha, li fih innifsu, dan id-dokument ma jippruvax b'mod oġġettiv li l-atturi huma s-sidien tal-oqbra bin-numri 37, 38 u 39.

32. Lanqas ma huwa ta' xi fejda għall-appellanti l-fatt, li fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, Louiana Busuttil flimkien ma' ommha Therese

Busuttil u ħuha Jean Paul Busuttil, stqarrew li jaqblu mat-tielet talba tal-atturi, li għandhom sehem ta' kwint mhux maqsum mill-oqbra bin-numri 37, 38 u 39.

33. Għalkemm teżisti ġurisprudenza li tgħid li meta qorti jkollha quddiemha ammissjoni tal-konvenut hija trid timxi billi tilqa' t-talbiet attriċi (ara ***Maria Grima v. Alfred Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell, fis-6 ta' Ottubru, 2020), madankollu wieħed irid iżomm f'moħħu li l-**Artikolu 693 tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili** jgħid li kull ammissjoni ta' fatt li ssir bil-miktub fil-Qorti tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha. F'dan il-każ it-tielet talba fir-rikors maħluf tal-appellanti ġiet ikkontestata mill-bqija tal-konvenuti l-oħra u għalhekk dawn il-konvenuti mhumiex marbuta bid-dikjarazzjoni li għamlu l-konvenuti Louiana, Therese u Jean Paul Busuttil. Barra minn hekk skont l-**Artikolu 695(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili**, kull ammissjoni bis-subizzjoni ta' waħda mill-partijiet tista' tagħmel prova ta' fatt ukoll kontra l-parti l-oħra fil-kawża, jekk il-Qorti jidhrilha li dik l-ammissjoni tistħoqq li tkun emmnuta. Fiċ-ċirkostanzi l-ammissjoni tal-konvenuti Louiana Busuttil, Jean Paul Busuttil u Therese Busuttil ma torbotx lill-konvenuti l-oħra, speċjalment meta wieħed iqis li dawn naqsu għalkollox milli jsostnu t-tielet eċċezzjoni tagħhom bi provi siewja li juru li l-atturi tabilħaqq għandhom sehem minn dawn it-tliet oqbra.

34. Daqstant ieħor l-atturi appellanti ma jistgħux isibu kenn fix-xhieda ta' Chris Degorgio jew inkella f'dik ta' Albert Schranz u Albert Magro. Imbilli mix-xhieda ta' dawn ħareġ li kienu l-ħaddiema tal-kumpanija Foster Clark Products Limited li bnew il-kappella, u li x'aktarx il-flejjes għall-istess inħarġu minn dik il-kumpanija u minn B&S Contractors Limited, dan il-fatt waħdu, ma jfissirx li l-oqbra li hemm ġewwa dik il-kappella huma kollha tal-ħames aħwa. Fl-aħħar mill-aħħar, il-konvenuti Franco, Michael u Joseph (Jnr) huma wkoll parti mill-familja Busuttil, li tagħha huma dawk iż-żewġ kumpaniji.

35. Fuq kollox, lanqas m'huwa minnu li mill-provi jirriżulta li l-oqbra nxtraw bi flejjes tal-kumpanija Foster Clark Products Limited jew inkella ta' B&S Contractors Limited. Kemm fix-xhieda tat-30 ta' April, 2013 (ara paġna 161 tal-atti tal-kawża), kif ukoll dik tal-11 ta' Ġunju, 2014 (ara paġna 245 tal-atti tal-kawża), Chris Degiorgio tenna li huwa la jaf u lanqas ma rriżultalu min kien ħallas għall-akkwist tal-oqbra li fuqhom hija mibnija l-kappella. Fid-dawl ta' dan, dak ix-xhud stqarr li huwa ma setax jikkonferma li l-flejjes għall-akkwist tal-oqbra ħarġu mill-kumpanija, u żied jgħid li x-xiri ta' dawk l-oqbra kien ħa ħsiebu Charles Busuttil, li jiġi ħu l-appellant Anthony Busuttil.

36. Fil-fehma tal-Qorti, lanqas ix-xhieda jew l-affidavit tal-appellant Anthony Busuttil ma jtejbu l-qagħda tal-atturi, u dan sa fejn għandha

x'taqsam it-tielet talba. Kemm fix-xhieda tal-11 ta' Ġunju, 2014 (ara paġna 247 tal-atti tal-kawża), kif ukoll fl-affidavit (ara paġna 189 tal-atti tal-kawża), Anthony Busuttil stqarr li huwa ma kienx ħareġ ċenteżmu wieħed minn butu għall-akkwist tal-oqbra. Terġa' u tgħid, fl-affidavit tiegħu, Anthony Busuttil saħansitra stqarr li huwa ma kienx involut fil-proċess tax-xiri tat-tmien oqbra u li kien sar jaf biss bl-eżistenza ta' dawk l-oqbra mingħand ħuh Charles Busuttil. L-oqbra ġew għalhekk akkwistati fuq inizjattiva ta' Charles Busuttil, u jekk dan għoġbu li jirreġistra wieħed f'isem l-appellant Anthony Busuttil, l-appellanti ma jistgħux issa mis-saba' jieħdu l-id u jippretendu li huma għandhom ukoll sehem mill-oqbra bin-numri 37, 38 u 39.

37. Jissokta billi jingħad li għalkemm huwa veru li mix-xhieda tal-konvenut Michael Busuttil jidher li ismu ntuża għall-għanijiet ta' konvenjenza, u dan għaliex kull qabar ried ikun irreġistrat f'isem individwu, b'daqshekk ma jfissirx li l-appellanti rnexxielhom jippruvaw li huma jgawdu minn sehem mhux maqsum fl-oqbra 37, 38 u 39.

38. Jekk bl-argumenti tagħhom, l-appellanti qed jimplikaw li l-konvenuti Michael, Franco u Joseph (Jnr.) Busuttil dehru fuq il-kuntratti tal-akkwist tal-oqbra bħala mandatarji *prestanomine*, dak il-mandat ma seta' qatt ingħata mill-appellanti u dan għaliex fir-rikors maħluf, l-appellanti stqarrew bil-ġurament tagħhom li l-konvenuti, Franco, Michael u Joseph

(Jnr.) Busuttil irreġistraw f'isimhom l-oqbra bin-numri 37, 38 u 39 mingħajr il-kunsens tagħhom. Naturalment, premessa bħal din teskludi għalkollox li dawn tal-aħħar kienu mandatarji tal-appellanti, u f'kull każ, l-appellanti ma jistgħux jaqbdu u jbiddlu l-parametri tal-azzjoni tagħhom kif jaqblilhom.

39. Huwa prinċipju miżmum fil-ġurisprudenza tagħna li n-natura tal-azzjoni attriċi tingħaraf mill-premessi u mit-talbiet li jsawru r-rikors promotur (ara ***Charles Grech v. Spiridione Bondin et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2023). Huma sewwasew il-premessi u t-talbiet kif imfissra u mressqa fir-rikors maħluf li bih tinbeda l-kawża li għandhom jiffurmaw il-parametri li fihom il-Qorti għandha tħaddem il-ġudizzju tagħha (ara ***Grezzju u Antonia konjuġi Patinott v. George Degiorgio*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru, 2023).

40. Huwa daqstant ieħor magħruf, li matul il-mixi tal-kawża, il-parti attriċi ma tistax taqbad u tbiddel il-parametri tal-azzjoni kif jaqblilha (ara ***Mark Anthony Farrugia et v. Xemxija Bay Property Holding Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018).

41. F'dan il-każ, fir-rikors maħluf, l-appellanti ma ressqu l-ebda premessa li biha implikaw li l-oqbra bin-numri 37, 38 u 39 ġew irreġistrati f'isem Franco, Michael u Joseph (Jnr.) Busuttil għall-għanijiet ta'

konvenjenza biss, u li dawn tal-aħħar ma huma xejn għajr mandatarji *prestanomine*. L-istitut tal-mandat ma ssemma mkien, u la l-azzjoni tal-lum mhijiex dik magħrufa bħala *actio mandati directa,* allura l-istqarrija ta' Michael Busuttil ma tista' twassal lill-appellanti mkien.

42. Kif ingħad aktar kmieni, bil-mod ta' kif l-appellanti fasslu l-kawżali u t-tielet talba, huma kellhom iressqu prova oġġettiva li biha juru li huma tassew is-sidien f'sehem mhux maqsum tal-oqbra bin-numri 37, 38 u 39. Bħall-Ewwel Qorti din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanti ma seħħilhomx iressqu dik il-prova, u minħabba f'hekk l-appell ser ikun qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq mill-atturi u tikkonferma għalkollox is-sentenza appellata. L-ispejjeż kollha tal-appell għandhom jagħmlu tajjeb għalihom l-atturi appellanti flimkien bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur<br>da